MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Numru. 976/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**DAVID BONNICI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Bonnici detentur tal-Karta tal-Identita` numru 515881 M.

**Akkuzat talli:**

Fit-28 t'Awissu, 2012, ghal habta ta` 12:30pm u hinijiet qabel gewwa Triq Haz-Zabbar, Fgura, u f'dawn il-Gzejjer:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta` Vincent Schembri bhala *Warden,* persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghtija skond il-Ligi minn Awtorita` kompetenti;

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` Vincent Schembri, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuq kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

3. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi hebb ghal Vincent Schembri sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu hsara;

4. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi imbotta lill-imsemmi Vincent Schembri sabiex iwegghu jew jinsulentah;

5. Ukoll talli kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Vincent Schembri u tapplika l-provvediment tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 96 (a), 95 (1), 339 (d) (e), 338 (dd), 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Fuq ammissjoni dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqsant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------